MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2012

Citazzjoni Numru. 41/2010

**Joseph Giacchino u Paul Giacchino għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' "Cathedral Library Ltd"**

**-vs-**

**Michael u Christine Carolyn miżżewġin Bharwani f'isimhom proprju kif ukoll Michael Bharwani għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' "Tiara Company Ltd", kif ukoll Mark Attard għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta "Mark A. Attard Trading Co. Ltd" għal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-15 ta' Jannar 2010 li permezz tiegħu ġie premess:

1. Illi l-esponenti bi skrittura privata tal-31 ta' Jannar 2000 Doc X ikkonkudew mal-intimat Michael u

Christine Carolyn *proprio et nomine* Management Agreement biex dawn joperaw il-fond numru 5 Freedom Square, Valletta mgħaruf bħala "Card Gallery" taħt il-pattijiet u kondizzjonijiet hemm stipulati.

2. Illi dan il-ftehim skada fil-31 ta' Diċembru 2009.

3. Illi *inoltre* l-intimati Bharwani huma debituri tal-esponenti fl-ammont ta' tlieta u għoxrin elf ħames mija tmienja u għoxrin Euro u wieħed u sebgħin ċenteżmi (€23,528.71) bħala bilanċ tal-profitti dovuti lill-esponenti kif jidher mill-anness prospett Doc Y.

4. Illi l-esponenti interpellaw lill-intimati kollha biex jivvakaw dan il-fond u jikkonsenjaw iċ-ċwievet pero' qegħdin jirrifjutaw u *in oltre* l-intimati Michael u Christine Carolyn Bharwani qegħdin jirrifjutaw li jħallsu l-ammonti tal-profitti dovuti minnhom.

5. Illi llum l-intimati qegħdin jippossjedu il-fond imsemmi mingħajr titolu legali peress li skada it-terminu konvenut fl-imsemmija skrittura privata.

6. Illi id-debitu fuq imsemmi ta' €23,528.71 inklużi l-imgħax huwa ċert, likwidu u dovut.

7. Illi l-intimati m'għandhom ebda eċċezzjoni valida x'jissollevaw kontra it-talbiet tal-esponenti.

Għaldaqstant ir-rikorrenti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna in kif dispensati mis-smiegħ tal-kawża *ai termini* tal-Artikolu 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jgħidu għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara illi lf-tehim tal-31 ta' Jannar 2000 skada u għalhekk ma għadux legalment virkolanti u għalhekk l-intimati qegħdin jokkupaw il-fond numru 5, Freedom Square, Valletta mingħajr titolu legali.

2. Tikkundanna lill-intimati biex jiġu żgumbrati mil-fond imsemmi fi żmien qasir u perentorju li jiġi stabbilit minn din il-Qorti;

3. Tikkundanna lill-intimati Michael u Christine Carolyn miżżewġin Bharwani *proprio et nomine* biex iħallsu lir-rikorrenti is-somma ta' tlieta u għoxrin elf ħames mija tmienja u għoxrin Ewro u wieħed u sebgħin ċenteżmi (€23,528.71) profitti dovuti lill-istess rikorrenti skond l-iskrittura fuq imsemmija tal-31 ta' Jannar 2000.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittri uffiċjali tas-26 ta' Awissu 2008 u 13 ta' Novembru 2009 bl-imgħax legali kontra l-intimati li huma nġunti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Mark Attard għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta "Mark A. Attard Trading Co Ltd" (C 28446) preżentata fit-3 ta' Marzu 2010, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi s-soċjeta' eċċipjenti ma hix leġittima kontradittriċi għall-pretensjonijiet tas-soċjeta' rikorrenti *stante* illi ma teżisti l-ebda relazzjoni ġuridika bejn is-soċjeta' rikorrenti u dik eċċipjenti;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u kuntrarjament għal dak espost mis-soċjeta' rikorrenti, is-soċjeta' eċċipjenti qed tokkupa l-fond *de quo* b'titolu legali skont kuntratt datat 4 ta' Marzu 2005 bejn l-istess soċjeta' eċċipjenti u s-soċjeta' konvenuta Tiara Limited (C 11569);

3. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' attriċi

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut Mark Attard għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta "Mark A. Attard Trading Co. Ltd." u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Michael u Christine Carolyn miżżewġin Bharwani f'isimhom proprju kif ukoll Michael Bharwani għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' "Tiara Company Ltd preżentata fit-18 ta' Marzu 2010, li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi huwa minnu illi l-ftehim skada fil-31 ta' Diċembru 2009 pero' l-istess partijiet daħlu fi ftehim ieħor simili li beda jopera fl-ewwel ta' Jannar 2010 u dan skond l-anness dokument immarkat Dok "A" u għalhekk l-esponenti għandu titolu validu u legali sabiex jibqa' fil-fond mertu tal-kawża u għalhekk l-ewwel talba ma tistax tiġi milqugħa;

2. Illi abbazi tat-tieni ftehim l-esponenti ma jistax jiġi żgumbrat mill-fond imsemmi u għalhekk it-tieni talba ma tistax tiġi milqugħa;

3. Illi l-Gvern ta' Malta li huwa s-sid il-ħanut qiegħed joffri kumpens lill-inkwilin ta' dan il-ħanut peress li l-Gvern ser ikeċċihom u l-esponenti huwa intitolat li jieħu dak il-kumpens u l-kumpens li qiegħed joffri il-Gvern jista' faċilment jittieħed mir-rikorrenti in sostenn tat-talba tiegħu għal ħlas ta'profitti u għalhekk it-tielet talba hija insostenibbli

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti Michael u Christine Carolyn miżżewġin Bharwani f'isimhom proprju kif ukoll Michael Bharwani għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' "Tiara Company Ltd u l-lista tax-xhieda.

Semgħet il-provi;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tal-10 ta' Jannar 2011 id-difensur tal-attur informa lill-Qorti illi l-Gvern ħa lura l-proprjeta' in kwistjoni u għalhekk il-mertu tal-ewwel żewġ talbiet ġie eżawrit;

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Mejju 2012 fejn il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi fir-rikors tagħhom għamlu talba għal żgumbrament tal-konvenuti mill-fond imsemmi, u għal kundanna ħlas skond l-iskrittura bejn il-partijiet. Fil-mori tal-kawża l-fond twaqqa' minħabba l-proġett ta' Bieb il-Belt u għalhekk jibqa' jiġi deċiż biss jekk l-ammont mitlub mill-atturi huwiex dovut mill-konvenuti Bharwani.

Illi l-istess konvenut meta ġie kontro-eżaminat ammetta li għalkemm hemm somma dovuta lill-atturi pero' ddikjara li ma jaqbilx ma' l-ammont. Madankollu naqas jippreċiża x'inhu l-ammont. Mill-banda l-oħra l-atturi ndikaw bi preċiżjoni kif hija dovuta s-somma li talbu kif jidher mid-dokumenti esebiti minnhom. Għalhekk l-eċċezzjoni mhijiex sostnuta. Għandu jingħad li l-eċċezzjoni tal-istess konvenut ma hijiex f'dan is-sens u allura dan jindika lill-Qorti li l-ammont mitlub huwa fil-fatt dovut. Fuq l-iskrittura in kwistjoni l-konvenuti Bharwani dehru kif ġew ċitati u għalhekk it-talba se tiġi akkolta fil-konfront tagħhom. Billi t-talba fil-konfront tas-soċjeta' konvenuta l-oħra kienet għall-iżgumbrament, allura hija se tigi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju.

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel żewġ talbiet; tillibera lis-soċjeta' konvenuta Mark A. Attard Trading Co. Ltd. mill-osservanza tal-ġudizzju; tilqa' t-tielet talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti konjugi Bharwani *proprio et nomine* jħallsu lill-atturi s-somma ta' tlieta u għoxrin elf, ħames mija u tmienja u għoxrin Ewro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€23,528.71) bl-imgħaxijiet legali kif mitluba.**

**L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-istess konvenuti Bharwani *proprio et nomine*.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------